MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 230/2011

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

**vs**

**Lefram Limited (C12278), Felix Pace (ID 240736M) u martu Mary Pace (ID 643638M), Paul Pace (ID 157561M) u Angele Pace (ID 512165M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors, debitament konfermat bil-gurament tas-socjeta bankarja HSBC Bank Malta plc. fejn gie premess:-

Illi l-bank attur ta diversi facilitajiet ta’ “overdraft” u self lis-socjeta’ konvenuta.

Illi fl-20 ta' Mejju 2007, permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, ippubblikat min- Nutar Dottor Charles Mangion, is-socjeta' konvenuta, id-debitur principali, ikkostitwiet ruhha certa, likwida u vera debitrici tal-bank attur fis-somma ta' hamsin elf u tlettax-il lira maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm50,013.41) ekwivalenti ghal €116,499.91 rapprezentanti l-bilanc dovut dakinhar fuq il-facilita' 'overdraft."

Illi l-konvenuti l-ohra iffirmaw matul is-snin diversi garanzija a favur il-bank attur sabiex, in solidum mas-socjeta' konvenuta, jaghmlu tajjeb ghall-facilitajiet bankarji moghtija favur is-socjeta' konvenuta, u dan bil-mod segwenti:- (i) fid-29 ta' Awissu 1991 il-konvenuta Mary Pace iffirmat garanzija sal-ammont ta' ghoxrien elf lira Maltin (Lm20,000) (ii) fl-1 ta' Frar 1993 il-konvenuta Mary Pace iffirmat garanzija sal-ammont ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000), (iii) fis-27 ta' Mejju 1994 il-konvenuti Felix u Mary konjugi Pace iffirmaw garanzija sal-ammont ta' ghaxart elef lira maltin (Lm10,000), (iv) fit-22 ta' Ottubru 1998 il-konvenuti Felix u Mary konjugi Pace iffirmaw garanzija sal-ammont ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000), (v) fl-1 ta' Gunju 1999 il-konvenuti Paul u Angele konjugi Pace iffirmaw garanzija sal-ammont ta' sittin elf lira Maltin (Lm60,000), (vi) fl-1 ta' Gunju 1999 il-konvenuti Paul u Angele konjugi Pace iffirmaw garanzija sal-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000).

Illi ghalhekk il-garanti Mary Pace hija solidament responsabbli, skond il-garanziji iffirmati minnha, ghall-ammont globali ta' sebghin elf lira Maltin (Lm70,000) ekwivalenti ghal €163,056.14, il-garanti konjugi Paul u Angele Pace huma solidament responsabbli ghall-ammont ta' hamsa u tmenin elf Lira Maltin (Lm85,000) ekwivalenti ghal €197,966.74 u l-garanti Felix Pace huwa solidament responsabbli ghall-ammont globali ta' erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000) ekwivalenti ghal €93,174.94 u dawn ilkoll bl-imghaxijiet minn sitt xhur qabel id-data ghat-talba ghall-hlas skond klawzola numru sebgha (7) ta' l-istess garanziji ffirmati minnhom.

Illi skond klawsola disgha (9) tal-garanziji kollha iffirmati il-konvenuti Pace iddikjaraw illi "Any admission or

acknowledgment in writing by the Principal…. of the amount of the indebtedness of the Principal ….. shall be binding and conclusive on the undersigned" (il-garanti).
Illi fit-3 ta' Frar 2011, l-ammont globali dovut mill-konvenuti lill-bank attur kien jammonta ghal mija u hdax-il elf, mija u erbghin ewro u sittin centezmu (€111,140.60) rapprezentanti in kwantu ghal €62,058.84 bilanc dovut fuq overdraft account numru 061-078093-340, oltre l-imghax legali sat-3 ta' Frar 2011 ammontanti ghal €16,077.09; u in kwantu ghal €31,667.59 bilanc dovut fuq overdraft account 061-078093-341, oltre l-imghax legali sat-3 ta' Frar 2011 ammontanti ghal €1,079.32.
Illi permezz ta' tlett ittri ufficjali pprezentati fis-6 ta' Lulju 2010 kontra l-konvenuti rispettivament, il-bank attur interpella lis-socjeta konvenuta Lefram Limited sabiex thallas is-somma ta' €108,950.29 oltre l-imghax legali mis-17 ta' Gunju 2010, lill-konvenuti Felix Pace u Mary Pace sabiex ihallsu s-somma ta' €93,000.00 oltre l-imghax legali mis-6 ta' Jannar 2010, u lill-konvenuti Paul Pace u Angela Pace sabiex ihallsu s-somma ta' €108,950.29 oltre l-imghax legali mis-17 ta' Gunju 2010.

Illi l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Illi s-socjeta' konvenuta Lefram Limited u l-konvenuti Mary Pace, Paul Pace u Angela Pace jinsabu veru, certi u likwidi debituri, in solidum bejniethom, tal-bank attur fis-somma ta' mija u hdax-il elf, mija u erbghin ewro u sittin centezmu (€111,140.60) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' €62,058.84, bilanc dovut fuq overdraft account numru 061-078093-340, in kwantu ghas-somma ta' €16,077.09 rapprezentanti l-imghax legali fuq is-somma ta' €62,058.84 dekors sat-3 ta' Frar 2011; in kwantu ghas-somma ta' €31,667.59 bilanc dovut fuq overdraft account 061-078093-341, u in kwantu ghal €1,079.32 rapprezentanti l-imghax legali fuq is-somma imsemmija ta' €31,667.59 dekors sat-3 ta' Frar 2011.

Illi l-konvenuti Felix Pace jinsabu veru, cert u likwidu debitur, in solidum mal-konvenuti l-ohra, fis-somma ta' tlieta u disghin elf ewro (€93,000) oltre l-imghax legali mis-6 ta' Jannar 2010.

Illi fil-fehma tal-bank attur, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu

Fuq dawn il-premessi l-bank attur talab (1) li dawn it-talbiet tiegh f'dawn proceduri jigu decizi bid-dispensa mis-smiegh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (2) li l-konvenuti kollha in solidum bejnithom jigu kkundannati jhallsu lill-bank attur is-somma imsemmija ta' tlieta u disghin elf ewro (€93,000), rapprezentanti flus mislufa lis-socjeta' konvenuta kif fuq spjegat ghal-liema facilita' bankarja l-konvenuti l-ohra huma garanti in solidum mas-socjeta' konvenuta, (3) li s-socjeta' konvenuta Lefram Limited u l-konvenuti Mary Pace, Paul Pace u Angela Pace, in solidum bejniethom, ihallsu ulterjorjment lill-bank attur is-somma ta' tmintax-il elf, mija u erbghin euro u sittin centezmu (€18,140.60) rapprezentanti flus mislufa lis-socjeta' konvenuta kif spjegat ghal-liema facilita' bankarja l-konvenuti Paul Pace u Angela Pace huma garanti in solidum mas-socjeta' konvenuta.

Bl-imghax legali ulterjuri mit-3 ta' Frar 2011 sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez inkluzi dawk tat-tlett ittri ufficjali tas-6 ta' Lulju 2010 kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuti a tenur ta' l-Artikolu 170 (1) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn gie sottomess illi l-azzjoni attrici ma setghet qatt giet intavolata bil-procedura tal-giljottina u dan peress illi l-bank attur ma seta' qatt bil-gurament tieghu jghid illi l-pretensjoni tieghu hija certa likwida u dovuta u li sa fejn jaf hu l-esponent ma kellux eccezzjoni x'jaghti. Fit-tieni lok, l-esponenti ghandhom diversi eccezzjonijiet x'jaghtu fosthom illi l-ammont ta' dejn ma hux dovut oltre illi l-bank attur qarraq bl-esponenti in ezekuzzjoni tal-ftehim gja milhuq bejniethom. In sostenn ta' dawn l-eccezzjonijiet l-esponenti ssottomettew is-segwenti: l-ammont dedott ma kienx ghadu dovut dakinhar ta' l-intavolar tal-kawza fl-intier tieghu. L-esponenti ma humiex qeghdin jikkontestaw illi hemm dejn ta' l-ammont pretiz izda jikkontestaw il-fatt illi kien jew

ghadu dovut fl-intier tieghu. Di fatti ssir riferenza ghall-email in data 14 ta' marzu 2007 (Dok 1) hawn anness in segwitu ta' inkontru u ftehim li ntlahaq mal-bank attur li permezz tieghu l-esponenti qua debituri u garanti nghataw zmien sa Dicembru 2014 sabiex isir il-pagament. Il-ksotituzzjoni ta' debitu datat 20 ta' Mejju 2007 kien fil-fatt ezekuzzjoni ta' dan il-ftehim li permezz tieghu l-esponenti kkoncedew li jidhlu f'kostituzzjoni ta' debitu kif ried l-istess bank attur purche' ikun hemm terminu sa Dicembru 2014. Illi dan id-dejn kien qed jithallas b'mod ratejali kif jista' jintwera fid-Dokument (Dok 2 hawn anness) kif ukoll permezz ta' dokumenti addizzjonali fil-mori tal-kawza. Illi huwa ghalhekk illi l-esponenti jixtiequ jressqu l-eccezzjonijiet taghhom.

Rat id-dikriet taghha kif verbalizzat fil-kors tas-seduta tal-11 ta' April 2011 li bih il-konvenuti gew ammessi biex jippresentaw ir-risposta taghhom fit-terminu kif moghti fl-istess dikriet.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament in-nullita' tar-rikors promotur stante illi ma jirrizultax mill-kopja notifikata lill-konvenuti li din kienet effettivament mahlufa kif tassattivament rikjest mill-ligi.

2. Illi fit-tieni lok, it-talba tal-bank rikorrent, u kwindi l-azzjoni li pproceda biha, hija wahda intempestiva u prematura ghar-raguni li l-partijiet kienu gja fthiemu bejniethom li per saldu tad-dejn dovut, jithallsu pagamenti rateali akkont fuq skema maqbula, liema ftehim gie segwit min-naha tas-socjeta' konvenuta.

3. Illi l-bank attur agixxa b'qerq u in mala fede fil-konfront tal-konvenuti u dan peress li meta dan ghadda biex jirredigi in iskritt dak li kien mifthiem, huwa inqeda u ghamel uzu minn formula kuntrattwali *standard* li normalment juza' ma terzi, ida li ma kienitx tirrispekkja dak li gie specifikament miftiehem bejn il-partijiet, anzi tmur bil-

kontra tas’ struzzjonijiet moghtijin mill-Bank stess dwar pagamenti akkont li kellhom jithallsu.

4. Illi fil-mertu, l-ammont mitlub m’huwiex dovut kollu qabel Dicembru 2014, u dan ghar-ragunijeit indikati *supra*, kwindi, it-talba attrici kif proposta ghandha tigi respinta.

5. Illi fl-ahharnett ghalkemm il-konvenuti Mary Pace, Paul Pace, Felix Pace u Angele Pace huma garanti personali *in solidum*, qabel xejn irid jigi stabbilit u jirrizulta li d-debitur principali naqas u baqa’ inadempjenti fl-obbligi minnu assunti, li ma jidhirx li hu l-kaz in ezami.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Mejju 2011 minn fejn jirrizulta li l-konvenuti rtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom dwar in-nullita’.

Rat l-affidavit tax-xhud Christopher Sladden presentat mill-bank attur.

Semghat lix-xhud Emanuel Farrugia msejjsh mill-konvenuti

Rat l-affidavit tal-konvenut Paul Pace.

Semghat lill-istess konvenut Paul Pace in kontro-ezami.

Semghat lix-xhud Christopher Sladden in kontro-ezami.

Semghat mill-gdid lill-konvenut Paul Pace.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

F’dawn il-proceduri il-bank HSBC Bank Malta plc qed jagixxi kontra s-socjeta’ kummercjali Lefram Limited u kontra Felix Pace u martu Mary Pace f’isimhom propju u kontra Paul Pace u Angele Pace ukoll f’isimhom propju.

Il-bank attur fir-rikors promotur jippremetti li huwa kkonceda lis-socjeta' konvenuta diversi facilitajiet ta' "overdraft" u self. Inoltre l-istess bank attur ghamel referenza ghall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta'debitu tal-20 ta' Mejju 2007, fl-attit tan-Nutar Dottor Charles Mangion, li bih is-socjeta' konvenuta bhala d-debitur principali ikkostitwiet ruhha certa, likwida u vera debitrici tal-bank attur fis-somma ta' hamsin elf u tlettax-il lira maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm50,013.41) ekwivalenti ghal €116,499.91 rapprezentanti l-bilanc dovut dakinhar fuq il-facilita' "overdraft." Il-bank attur kompla jippremetti li sussegwentement il-konvenuti l-ohra ggarantew a favur tal-bank attur li jaghmlu tajjeb ghall-facilitajiet bankarji kollha mghotija lis-socjeta' konvenuta u dan "in solidum" malistess socjeta' konvenuta.

Il-bank attur irrileva li skond klawsola disgha (9) tal-garanziji iffirmati mill-konvenuti, l-istess konvenuti ddikjaraw li kull ammissjoni bil-miktub maghmula mid-debitur principali dwar ammonti li jkunu accettasti li huma dovuti jorbtu lill-varji garanti. Ghalhekk, skond il-bank attur, l-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu hu ukoll vinkolanti fuq il-varji garanti.
Il-bank attur iddikjara ukoll li fit-3 ta' Frar 2011, l-ammont globali dovut jammonta ghal mija u hdax-il elf, mija u erbghin euro u sittin centezmu (€111,140.60) rapprezentanti in kwantu ghal €62,058.84 bilanc dovut fuq overdraft account numru 061-078093-340, oltre l-imghax legali sat-3 ta' Frar 2011 ammontanti ghal €16,077.09 u in kwantu ghal €31,667.59 bilanc dovut fuq overdraft account 061-078093-341, oltre l-imghax legali sat-3 ta' Frar 2011 ammontanti ghal €1,079.32. In vista tad-diversi garanziji ffirmati mill-konvenuti l-ohra kollha, s-socjeta' konvenuta u l-konvenuti Mary Pace, Paul Pace u Angela Pace huma debituri tal-bank attur fis-somma ta €111140.60 rappesentanti in kwantu ghas-somma ta' €62058.84 bianc dovut fuq overdraft numru 061-078093-349 u in kwantu ghas-somma ta' €16077.09 rappresentanti l-imghax legali relatti sal-imsemmija data

tat--3 ta’ Frar 2011 u in kwanti ghas-somma ta’ €31667.59 bilanc dovut fuq overdraft account numru 061-078093-341 u in kwantu ghas-somma ta’ €1079.32 rappresentanti l-imghax relatti fuq l-imsemmija somma sal-istess data. Skond il-bank attur il-konvenut Felix Pace hu debitur tal-bank attur in solidum mal-konvenuti l-ohra kollha fis-somma ta’ €93000oltre l-imghaxihiet relattivi sa mis-6 ta’ Jannar 2010.
In vista ta’ dan kollu l-bank attur qed jitlob li l-konvenuti kollha in solidum bejnithom jigu kkundannati jhallsu lill-bank attur l-imsemmija somma ta’ tlieta u disghin elf ewro (€93,000), rapprezentanti flus mislufa lis-socjeta’ konvenuta. Il-bank attur qed jitlob ukoll li s-socjeta’ konvenuta flimkien ma’ tlieta mill-konvenuti l-ohra cioe’ l-konvenuti Mary Pace, Paul Pace u Angela Pace, in solidum bejniethom, jigu kkundannati jhallsu ulterjorjment lill-bank attur is-somma ta’ tmintax-il elf, mija u erbghin euro u sittin centezmu (€18,140.60) “rapprezentanti flus mislufa lis-socjeta’ konvenuta kif spjegat ghal-liema facilita’ bankarja l-konvenuti Paul Pace u Angela Pace huma garanti in solidum mas-socjeta’ konvenuta.”

Dwar din l-ahhar talba ma giex ikkjarikat xi jfissru l-kliem “rapprezentanti flus mislufa lis-socjeta’ konvenuta” u dan in konnessjoni mat-talba relattiva ghall-hlas tas-somma ta’ tmintax-il elf, mija u erbghin euro u sittin centezmu (€18,140.60). Inoltre t-talba saret specifikament kontra l-imsemmija tlett konvenuti pero’ meta l-bank attur jispecifika li din it-talba in kwestjoni qed taghmel referenza ghall-“facilita’ bankarja” isemmi biss tnejn mill-konvenuti cioe’ l-konvenuti Paul Pace u Angela Pace bhala li huma garanti in solidum mas-socjeta’ konvenuta. Il-bank attur jommetti lill-konvenuta Mary Pace. F’din it-talba il-bank attur mhux car ghall-liema ammont jew kont qed jirreferi u lanqas jekk huwa qed jirreferi ghall-kapital jew ghall-imghaxxijiet dovuti. Kwindi in vista li din it-talba mhux cara u jista jinghad li hi konfusa ma tista qatt tigi milqugha.

Il-konvenuti fir-risposta guramentata taghhom jeccepixxu preliminarjament li r-rikors promotur hu null ghar-ragunijiet indikati fl-istess risposta. Kif gia rilevat u kif jirrizulta mill-

verbal tas-seduta tat-23 ta' Mejju 2011 il-konvenuti rtiraw din l-ecezzjoni preliminari taghhom. Il-konvenuti komplew jeccepixxu li t-talba tal-bank attur hija intempestiva u prematura ghaliex, skond l-istess konvenuti, li l-partijiet kienu gja fthiemu bejniethom li per saldu tad-dejn dovut, jithallsu pagamenti rateali akkont fuq skema maqbula, liema ftehim gie segwit min-naha tas-socjeta' konvenuta. F'dan ir-rigward Inoltre il-konvenuti jallegaw li l-bank attur agixxa b'qerq u in mala fede peress li meta giet redatta in iskritt dak li kien gie mifthiem, il-bank attur inqeda u ghamel uzu minn formula kuntrattwali "standard" li ma kienitx tirrispekkja dak li gie miftiehem. Finalment il-konvenuti fil-mertu jissottomettu li l-ammont mitlub mhux dovut qabel Dicembru 2014 u inoltre qabel xejn irid jigi stabbilit li d-debitur principali naqas u baqa' inadempjenti fl-obbligi minnu assunti, li ma jidhirx.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontijiet in kwestjoni ilhom miftuhin zmien twil u jidher li sa minn qabel is-sena 2002 is-socjeta' konvenuta kienet irregolari fil-hlas tal-pagamenti pattwiti. Dan gie kkonfermat minn ufficjal tal-bank attur (vide affidavit ta' Chris Sladden). Minn dak li qal l-istess xhud jidher li matul is-snin saru diversi inkontri mas-socjeta konvenuta, li hi d-debitur principali, kif rappresentata minn wiehed mill-konvenuti cioe' Paul Pace. Dawn l-inkontri kienu dejjem jikkoncernaw il-pagamenti pattwiti biex jithallsu lura l-kontijiet in kwestjoni.

F'dawn l-istess inkontri kien jigi suggerit mill-bank attur li jigi pubblikat kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu dejjem ghar-rigward tal-istess kontijiet li fir-rigward taghhom kien hemm arretrati x'jithallsu. Fit-tahdidiet ghar-rigward tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt kienu jissemmew l-ammonti tal-pagamenti mensili likellha taghmel is-socjeta' konvenuta u kien ukoll jissemma li l-hlas totali kellu jsir sall-31 ta' Dicembru 2014. Eventwlment dan l-att gie pubblikat fl-20 ta' Mejju 2007 min-Nutar Dr. Charles Mangion li kien gie inkarigat propju mis-socjeta' konvenuta. Wara li gie pubblikat l-imsemmi kuntratt l-ammont tal-pagamenti li kellhom isiru tbiddlu anke bil-kunsens tal-bank attur skond ic-cirkostani partikolari prevalenti fil-varji zminijiet.

L-imsemmi konvenut Paul Pace anke bhala managing director u azzjonista tas-socjeta' konvenuta jippretendi li bl-iffirmar tal-imsemmi kostituzzjoni ta' debitu l-istess socjeta' konvenuta nghatat zmien ghall-hlas sa l-ahhar ta' Dicembru 2014. Huwa jammetti li in effett m'hemmx indikat fl-istess att l-imsemmi terminu li fih kellu jithallas id-debitu kollu. Ix-xhud jallega li s-socjeta' konvenuta kellha taccetta dan it-terminu minhabba 'minacci' tal-bank attur fis-sens li jekk ma jigix iffirmat il-kuntratt in kwestjoni l-istess bank kien ser jaghmel 'call-in' tal-ammont kollu dovut. Inoltre ix-xhud jkompli jallega li l-kuntratt gie redatt mill-istess bank u l-kondizzjonijiet li gew inkluzi fih ma kienux skond dak li gie miftiehem mill-partijiet. Hawnhekk ix-xhud isostni li l-ftehim kien li l-hlas kollu kellu isir sal-imsemmija dasta tal-ahhar tas-sena 2014.
F'dan ir-rigward hu car li kien hemm kondizzjoni marbuta ma dan it-terminu u cioe' li s-socjeta' konvenuta tkun puntwali fil-hlas tal-pagamenti mensili miftiehma u accettati mill-partijiet fil-kuntratt in kwestjoni. F'dan ir-rigward jidher li l-bank mexa fuq 'standard form' li kopja taghha jirrizulta li nghata lis-socjeta konvenuta. Barra minn hekk il-kuntratt gie pubblikat minn Nutar inkarigat mill-istess socjeta' Jirrizulta ukoll li l-istess nutar kien presenti ghall-laqgha li fiha gie deciz li kellu jigi pubblikat il-kuntratt relattiv umeta in effett il-partijiet qabblu fuq il-kondizzjonijiet li kellhom jigu inkluzi fl-istess att. F'dawn ic-cirkostanzi hu zgur li l-konvenut Paul Pace mhux kridibbli meta jghid li hu nhassad meta wara li gie ffirmat l-att in kwestjoni huwa sar jaf li fl-imsemmi att l-imsemmija data ma tissemma mkien. Jigi puntwalizzat li jirrizulta li l-kuntratt gie moqri qabel ma gie ffirmat mill-istess direttur tas-socjeta' konvenuta. Ma jirrizultax ghalhekk dak li sostna l-istess xhud li kien hemm xi forma ta qerq da parti tal-bank attur meta gie ffirmat il-kostituzzjoni ta' debitu. Inoltre, dejjem f'dan ir-rigward jirrizulta ukoll li wara li gie ffirmat l-imsemmi kuntratt is-socjeta' konvenuta kompliet taghmel il-pagamenti skond kif stipulat fil-kuntratt.
Juirrizulta ukoll izda li sussegwentement is-socjeta' konvenuta naqset li tivversa l-pagamenti skond kif

miftiehem u rega kien hemm arretrati u pagamenti li kienu dovuti. In effett fil-kors tad-diskussjonijiet twal li kien hemm bejn il-partijiet li l-enfasi minn naha tal-bank kienet fuq il-fatt li l-pagamenti pattwiti kellhom jithallsu u jithallsu fil-hin. Il-fatt li l-ammont kollu kellu jithallas sa certu data kien dejjem kondizzjonat ghall-fatt li kellhom jithallsu l-pagamenti mensili fil-hin. In effett id-direttur tas-socjeta' konvenut iddikjara li jaqbel li l-Bank attur kien accetta li l-hlas isir sal-ahhar ta' Dicembru 2014 bil-kundizzjoni li l-pagamenti mensili miftiehma jithallsu. L-istess direttur jghid ukoll li l-pagamenti mensili kienu irregolari kemm fl-ammonti li kienu jithallsu kif ukoll fil-puntwalita' tal-hlas. Jammetti li kien hemm kazijiet fejn dawn il-pgamenti kienu jinqabzu xi xahar u inoltre ammetta li l-ammonti dovuti lill-bank attur ma thallsux kollha mis-socjeta' konvenuta.

Inoltre ghandu ukoll jigi rilevat li jirrizulta li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu gie effettivament iffirmat mis-socjeta' konvenuta fejn l-istess socjeta' ddikjarat ruhha debitrici tal-bank attur fis-somma li kient tirrizulta dovuta fil-hin li gie ffirmat. Is-socjeta konvenuta accettat ukoll il-kondizzjonijiet kollha li kienu inkluzi fl-att. Hu ovvju li l-intenzjoni tal-partijiet meta gie pubblikat l-istess kuntratt kienet li ma jissemmix it-terminu li fih kellu jsir il-hlas tal-ammont shih dovut u b'hekk l-istess ammont hu meqjus li ghandi jithallas immedjatament. F'dan ir-rigward pero' il-bank attur ikkonceda li setghu jsiru pagamenti rateali sakhemm tithallas is-somma kollha dovuta. F'kaz li s-socjeta' konvenuta tonqos fil-hlas tal-imsemmija pagamenti, tkun dovuta s-somma kollha. Inoltre s-socjeta konvenuta ma ghamlet l-ebda kontro-talba u ebda azzjoni ohra sabiex jigi annullat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu.

Il-konvenuti, skond l-eccezzjonijiet taghhom, jikkontendu li l-ammont mitlub mhuwiex dovut kollu qabel Dicembru

2014. In vista ta dak kollu li intqal aktar il-fuq din il-pretensjoni tas-socjeta' konvenuta ma tista qatt tigi akkolta. L-obbligu li assumiet is-socjeta' konvenuta principalment kien li thallas il-pagamenti mensili pattwiti puntwlment. Obbligu li s-socjeta' konvenuta ma onoratx. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta tirrizulta li kienet inadempjenti u ghalhekk il-bank attur ghandu kull dritt li jitlob il-hlas tal-ammonti kollha dovuti.

In vista tal-premess l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti jisthoqqilhom li jigu rigettati. Peress li t-talbiet tal-bank attur jirrizultaw sufficjetement ippruvati l-istess talbiet, ad eccezzjoni tal-ahhar talba (ragunijiet rilevati aktrar qabel), jimmeritaw li jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi

Tiddecidi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici ad eccezzjoni tal-ahhar talba u kwindi tikkundanna l-konvenuti kollha in solidum bejnithom ihallsu lill-bank attur is-somma ta' tlieta u disghin elf ewro (€93,000), rapprezentanti flus mislufa lis-socjeta' konvenuta ghal-liema facilita' bankarja l-konvenuti l-ohra huma garanti in solidum mas-socjeta' konvenuta u dan bl-imghaxxijiet ulterjuri mit-3 ta' Frar 2011 sad-data tal-effettiv pagament.

Tichad it-tieni u l-ahhar talba tal-bank attur.

Spejjez kollha kontra l-konvenuti in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------